Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 39**

**Data:** It-Tlieta, 25 ta' Marzu 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**39.1 Ittri ta' apoloġiji**

39.1.1 Il-President semma li s-Sur Jesmond Aquilina, is-Sur Sandro Azzopardi, H.E Clifford Galea Vella Maslennikov u Dr. Samuel Azzopardi talbu li jkunu skużati.

39.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

**39.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 38**

39.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

39.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**39.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 39**

39.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Anthony Chircop ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Frar 2025 u l-25 ta' Marzu 2025 li kienet tammonta għal €69,067.69.

**39.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 38**

| | |
|---|---|
| **39.4.1 ALL Digital Summit** | Il-President semma li kienet qed issir laqgħa kull ħmistax mal-Kumitat b' rappreżentanti minn network sabiex ikun stabbilit il-loġistika kif ukoll anki jibdew jaħdmu fuq il-kontenut tas-summit. Semma wkoll li min-naħa tal-ALL Digital ġew stabbiliti s-suġġetti varji li ser ikunu diskussi u l-Assoċjazzjoni ser tkun qed issib xi kelliema għal fuq uħud mill-panels. |
| **39.4.2 CEMR – Kungress 2026** | Il-President semma li kien hemm laqgħa oħra ma' CEMR sabiex definittivament l-Assoċjazzjoni tispjega li ma kinitx intressata tissottometti l-applikazzjoni sabiex torganizza dan il-kungress minħabba li l-Assoċjazzjoni intalbet tħallas ukoll €150,000 lil CEMR bħala rimborż ta' spejjeż addizzjonali amministrattivi sabiex ikun jista' jiġi kkordinat dan il-kungress.<br>Il-President semma li minkejja dan Malta kienet magħżula permezz tal-Assoċjazzjoni sabiex jinżamm il-Policy Committee u Leaders Congress f'Diċembru. Semma li dan ser jinżamm u ser ikun organizzat mill-Assoċjazzjoni nhar 4 u 5 ta' Diċembru. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

Semma wkoll li wieħed jirrakomanda li tiġi organizzata l-EXPO tal-Kunsilli Lokali fl-istess perjodu.

**39.4.3 Collection Points**

Il-President semma li tkomplew il-laqgħat fosthom mal-ERA li jidher li l-ERA qed tappoġja l-proġett pilota kif propost.

**39.4.4 Postijiet Vakanti - AKL**

Il-President semma li kienu daħħlu l-applikazzjonijiet għall-postijiet vakanti fi skala 7, 11 u 13 u li kien qed isir il-vetting tal-eliġibilita'. Semma li l-intervisti għandhom ikunu lesti sal-laqgħa li jmiss.

**39.4.5 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali**

Il-President semma li huwa jinstab iddiżappuntat peress li jidher li mill-ħafna komunikazzjonijiet li daħlu l-Assoċjazzjoni hemm ħafna irregolaritajiet ta' kif ħaddiema progressaw minn skala għall-oħra. Semma li huwa kien ġibed l-attenzjoni li jista' jkun hemm dawn l-irregolaritajiet xhur qabel kien iffirmat il-Ftehim Kollettiv u kien hemm ftehim verbali li d-Dipartimet għall-Gvern Lokali kien ser jagħmel Compliance Audit fuq l-HR sabiex dawn l-irregolaritajiet jiġu stabbiliti u jekk hemm bżonn irregolati qabel daħħal fis-seħħ il-Ftehim. Semma li hemm stanzi fejn ħaddiema minn skala 16 issa kienu spiċċaw progressaw għal skala 9 minħabba li kienu telgħu b'mod irregolari minn skala 16 għal skala 15 snin ilu. Semma li din hija inġustizzja ma' ħaddiema oħra fl-istess skala li baqgħu imwaħħlin fi skala 16 għaliex is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għarfu jimxu mal-liġi u mal-kriterji tal-eliġibbilita'.
Semma wkoll li fl-aħħar laqgħat mad-Diviżjoni, IRU u l-UĦM kien hemm qbil bejniethom li minkejja li fil-ftehim hemm li l-assimilazzjoni trid issir mill-bidu tas-servizz tal-ħaddiema mal-Kunsill issa din kienet inbidlet u ġiet li l-assimilazzjoni ma tmur lura mill-ewwel snin ta' servizz mal-Kunsill imma mill-aħħar promotion jew mill-aħħar grad li wieħed kien jinstab fih. Il-President semma li bi prinċipju ta' governanza tajba l-Assoċjazzjoni ma tistax taqbel ma' dak li l-partijiet l-oħra iddeċidew sempliċiment sabiex ma jibqax jidher track record ta' kif dawn il-ħaddiema progressaw fi snin passati.
Semma li fid-dawl ta' dan kollu l-Assoċjazzjoni ma tistax tati aktar għajnuna u assistenza fuq assimilazzjoni ta' ħaddiema.

**39.4.6 MCAST EXPO**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ipparteċipat u kienet ukoll waħda mill-partners ewlenin f' din l-EXPO flimkien mas-Servizz Pubbliku u tliet kumpaniji oħra privati. Semma wkoll li kienet saret sessjoni informattiva lill-istudenti.
Semma wkoll li waqt l-EXPO kien hemm żjara mis-Sur Tony

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Sultana li miegħu intalbet laqgħa sabiex jiġu diskussi issues relatati mal-HR fosthom il-possibilita' li l-Kunsilli jkollhom student workers.

**39.4.7 Laqgħat Reġjuni**

Il-President semma li l-laqgħat mar-Reġjuni saru kollha. Kienu laqgħat produttivi fejn is-Sindki esprimew it-tħassib tagħhom fuq diversi puntifosthom il-kollaborazzjoni ma' entitajiet diversi, l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli u sfidi amministrattivi. Il-President semma li dawn ser jibdew jiġu indirizzati mill-Assoċjazzjoni fil-jiem li ġejjien.
Semma li 'l pass li jmiss ser ikun qed idur lis-Sindki tar-Reġjun sabiex japprovaw il-Minuti tal-Laqgħa tas-Sindki li saret f; Għawdex f'Novembru 2024 sabiex jintbgħat rapport lis-Segretarju Parlamentari fuq il-punti kollha imqajma mis-Sindki waqt din il-laqgħa.

**39.4.8 Migration Policy**

Il-President li l-laqgħa mal-Ministru Byron Camilleri kienet saret u li miegħu kienu ġew diskussi l-proposti li resqet 'l quddiem l-Assoċjazzjoni.
Il-President semma wkoll li fil-jiem li ġejjin ser isiru laqgħat mal-Human Rights Directorat sabiex jibdew sensiela ta' laqgħat mar-Reġjuni sabiex fl-aħħar jidher li hemm rieda li jkun hemm data sharing mal-Kunsilli Lokali ta' TCNs li jkunu jgħixu f' dik il-lokalita' rispettiva.

**39.4.9 Ukrainian Youth Bootcamp**

Il-President semma li li għal darb' oħra l-Assoċjazzjoni kienet ser tipparteċipa fil-programm ikkummisjonat mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jinġibu grupp ta' tfal Ukreni f' Malta għal bootcamp. Semma li din is-sena ser ikun qed jiġi organizzat bejn 25 t' April u 2 ta' Mejju. Semma li l-Assoċjazzjoni qed taħdem fuq il-programm.

**39.4.10 Tribunali Lokali**

Il-President semma li tkomplew il-laqgħat f' dan ir-rigward u li kien ġie propost li jinbidel l-Avviż Legali. Semma li dan il-proċess suppost għandu jkun lest sa l-aħħar t' April.

**39.5 Komunikazzjoni mill-President**

**39.5.1 Rillu Merillu**

Il-President semma li l-mużika u l-lirika kienet lesta u ser jibda l-proċess biex isir Activity Book għal tfal ikbar kif ukoll jibdew jinkitbu l-ġabra ta' stejjer.

**39.5.2 Rotta tal-Feniċi**

Il-President semma li kien attenda għall-konferenza ġewwa

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

Marsala fejn kien hemm kuntatti ma' Sindki oħra minn Sqallija sabiex Malta tkompli tikkollabora magħhom fuq proġetti simili u anki dawk li jaffettwaw il-qasam tal-Gvern Lokali. Semma li ser ikunu qed jiġu Malta wkoll delegazzjoni mill-Board tar-Rotta sabiex jiġi stabbilit proġett turistiku kulturali.

**39.5.3 RMIT Europe**

Il-President semma li wieħed għandu jiddeċiedi fuq il-Programm Emmerging Leaders Program li kien offrut mill-RMIT. Semma li s-Segretarja tal-Assoċjazzjoni kienet ipparteċipat fl-ewwel cohort u kien suċċess imma jidher li matantx hemm intress ta' parteċipazzjoni.

**39.5.4 Laqgħa mad-Direttur Ġenerali – Dipartiment tal-Kuntratti**

Il-President semma li saret laqgħa fil-preżenza tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fuq it-tħaddim tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali dan wara li xi Reġjuni talbu lill-kuntrattur jiddikjara l-ESPDs ta' sub-contractors li kienu għadhom mhux dikjarati kif ukoll wara direzzjoni li kien hemm li għad trid tinħareġ proċedura uffiċjali mid-Dipartiment ta' kif Reġjun jista' jimmulta lill-kuntrattur. Waqt il-laqgħa ssemmew ukoll il-multi li diġa ngħataw minn uħud mir-Reġjuni.

**39.5.5 Identita'**

Il-President semma li kienet saret laqgħa ma' Identita' fejn intalbet anki l-assistenza tal-Kunsilli Lokali sabiex ir-resident jibdew jiġbru l-Karti tal-Identita' mill-Kunsilli Lokali. Semma li l-Assoċjazzjoni qed tiġbor lista ta' dawk intressati sabiex issir laqgħa mal-Kunsilli Lokali li ser ikunu qed jipparteċipaw.

**39.5.6 Dokumenti Linji Gwida – Spazji Miftuħa**

Il-President semma li fix-xhur li ġejjin ser ikunu mnedija d-dokumenti fuq spazji miftuħa. Semma li dawn id-dokumenti huma parti integrali mill-Viżjoni tal-Assoċjazzjoni.

**39.5.7 Laqgħa mal-Enemalta**

Il-President semma nżammet laqgħa mal-Enemalta fejn kienu diskussi dawn il-punti:

-PSO semma li jidher li jista' jkun hemm żblokk peress li l-probbabilita' hija li l-kuntratturi ser iwaqqgħu l-każ minn PCRB. Semma li ser ikunu qed jinbidlu l-street lightning kollha anki bi ftehim ma' kuntratturi eżistenti. Semma li dan ser ikopri l-street lightning kollha barra dak ta' dawl dekorattiv. Kif ukoll jinbidel id-dawl l-isfar kollu u jinqalbu LEDs. Semma li għaldaqstant kien rekomandat li r-reġjuni ma joħorġux sejħiet għall-offerti għalissa u għal dawn 8 xhur li ġejjin ikompli jaħdmu kif qegħdin jaħdmu.

-Semma li l-Ministru l-Onor. Miriam Dalli ġiet notifikata fuq l-problema li jidher li hemm fuq provediment ta' arloġġi tad-dawl

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

għall-gabbani. Semma li kien ikkomunikat li l-Kunsilli għandhom ikollhom lok fejn jissottomettu l-oġġezzjonijiet tagħhom. Biss pero semma li s-Sur Fava, CEO tal-Enemalta ikkonferma li għandha issir laqgħa mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jaraw f' dan l-istadju ta' applikazzjoni mal-PA fejn il-Kunsill jista' joġġezzjoni. Dan għaliex ladarba jingħata clearance mill-PA, l-enemalta tmexxi sabiex tati s-servizz.
Is-Sur Max Zammit semma li huwa jinsisti li fil-proċedura ta' qabel kien hemm bżonn l-awtorizazzjoni b'timbru tal-Kunsill sabiex l-Enemalta tati servizz u li din qabel kienet issir mal-Enemalta.
Kien hemm qbil li għandha tinġib il-proċedura bil-miktub ta' kif dawn japplikaw għas-servizz tad-dawl. Kif ukoll tintbgħat komunikazzjoni lil PA sabiex issir laqgħa magħhom ukoll.
Is-Sur Max Zammit semma li l-problemi li qed ikun hemm huma relatati ma' hawkers.

**39.5.8 Laqgħa ANSEK**

Il-President semma li saret laqgħa informali mal-President tal-ANSEK.

**39.5.9 National Traning Strategy - DLG**

Il-President semma li b' reazzjoni għal pjan ta' taħriġ imniedi mid-Dipartiment. Semma li l-espert li kien imqabbad sabiex jagħmel l-istudju ma rriflettiex dak li kien provdut bih fir-rapport. Dan wieħed anki jista' faċilment jinnutah mir-referenzi li huwa għamel referenza għalihom fl-istudju tiegħu. Minn intervista biss li saret għal 8 min-nies, tlieta jew erbgħa minnhom kienu tad-DLG. Dak li ġie diskuss mal- President tal-Assoċjazzjoni ma ġiex rifless fir-rapport tiegħu meta saret intervista mal-President tal-AKL. Id-DLG ma semmiex il-korsijiet li saru li ġew issussidjati minnu stess. L-ebda minn din l-informazzjoni ma tidher fir-rapport. Għaldaqstant, dan ir-rapport ma jirriflettix il-bżonnijiet meħtieġa fil-Gvern li ma ġewx indirizzati.
Semma li r-rapport fih skorettezzi kbar sempliċiment fejn isemmi li kienu vvitati biss €5,000 biss f'taħriġ mid-Dipartiment, meta kien hemm ftehim iffirmat bejn DLG u l-AKL li dawn għaddew madwar €47,000 sabiex l-Assoċjazzjoni torganizza għadd ta' sessjonijiet ta' taħriġ għas-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u anki ħaddiema. Semma li dawn ingħataw fuq pjan ta' taħriġ li ġie esegwit kollu u saħansitra l-AKL provdit ir-rapporti lid-DLG u li dawn ħalsu dak miftihem. Għaldaqstant, il-President semma li dan ma jagħmilx ġustizzja max-xogħol kollu li għamlet l-Assoċjazzjoni tul dawn l-aħħar snin u li dejjem kienet proattiva fil-ħtiġijiet ta' taħriġ għall-Kunsilliera.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Ta ħarsa lejn ir-rapport flimkien ma' dawk preżenti u ġew rimarkati diversi punti li l-Assoċjazzjoni kienet ser tikkomunika mar-rappreżentanti tal-Kunsill tal-Ewropa li kienu talbu laqgħa mal-AKL fuq din il-materja.

**39.5.10 Laqgħa mas-Segretarju Prinċipali Permanenti – is-Sur Tony Sultana**

Il-President semma li l-laqgħa kienet saret b' mod immedjat wara li reġgħet intalbet u huwa irringrazzja lis-Sur Sultana għall-attenzzjoni u l-impenn li wera quddiem ix-xogħol li għamlet l-Assoċjazzjoni.
Il-President spjega li d-diskussjoni bdiet mas-Sur Sultana fejn id-dispjaċir li l-AKL m atħallietx tippartecipa fl-Expo tas-Servizz Pubbliku minħabba li r-raġuni li ngħatat li mhiex parti mis-Servizz Pubbliku. Il-President semma li huwa rribatta dan il-punt.
Semma li ser ikun qed jikkomunika mas-Segretarju Permanenti ta' Transport sabiex jiġbed l-attenzzjoni tax-xogħol u d-dokumenti li l-Assoċjazzjoni nidiet fil-qasam tas-settur ta' Transport.
Semma wkoll li ser ikun qed jidħol u jara diversi materji relatati ma' sfidi fl-HR li l-Kunsilli Lokali għaddejjin minnhom.

**39.5.11 Noise Pollution**

Il-President semma li kien ġie ċċirkulat dokument rigward is-suġġett sabiex il-Membri tal-Eżekuttiv jistgħu jibgħatu l-feedback tagħhom.

**39.5.12 Direttorat tal-Kultura**

Il-President semma li saret laqgħa mad-Direttorat tal-Kultura. Semma li kien preżentat proġett li kien ser jiġi ċċirkulat mal-Membri tal-Eżekuttiv sabiex ikun propost li jibda jiġi implimentat b' kollaborazzjoni bejn l-AKL u d-Direttorat.
Semma li kien għadu qed jsitenna mid-Direttorat sabiex ikun iffirmat MoU bejn l-partijiet.

**39.5.13 MTA**

Il-President saret laqgħa mal-MTA fejn ġew diskussa materji varji li jikkonċernaw lill-Kunsilli Lokali, speċjalment fuq fejn jidħlu permessi ta' mwejjed u siġġijiet fi spazji pubbliċi. Semma li wieħed irid jaħdem sabiex ikun hemm qafas regolatorju konsolidat speċjalment fejn jidħlu klawżoli mil-liġijiet ta' TM, Pulizija u Lands.

**39.5.14 Studju fuq reviżjoni għall-Allokazzjoni Finanzjarja**

Il-President semma li ser tkun organizzata l-ewwel laqgħa ma' 20 Kunsill fejn ser jibda proġett pilota ta' studju kif jista' jkun hemm reviżjoni finanzjarja sabiex il-Kunsilli jaħdmu b' mid effiċjenti u effettiv.

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**39.6 Aġġornament**

39.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u kwart ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 22 t' April 2025 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**